



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

2 ta' April 2019*

“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Kuntratt għal żmien indeterminat – Artikolu 47(c)(i) tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg– Xoljiment permezz ta’ preavviż – Raġunijiet għax-xoljiment – Ksur tar-relazzjoni ta’ fiduċja – Interess tas-servizz – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Dmir ta’ premura – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Artikoli 30 u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Kwistjoni proċedurali – Pubblikazzjoni fuq l-internet ta’ dokumenti inklużi fil-proċess tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali – Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal”

Fil-Kawża T-492/17,

Stephan Fleig, ex membru tal-persunal bil-kuntratt tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, residenti f’Berlin (il-Ġermanja), irrappreżentat minn H. Tettenborn, avukat,

rikorrent,

vs

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), irrappreżentat minn S. Marquardt, bħala aġent,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tad-19 ta’ Settembru 2016 li permezz tagħha d-Direttur tad-Direttorat “Riżorsi Umani” tas-SEAE, fil-kwalità tiegħu ta’ awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta’ reklutaġġ, ittermina l-kuntratt ta’ xogħol tar-rikorrent b’effett mid-19 ta’ Ġunju 2017 u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab insegwitu għal din id-deċiżjoni,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn I. Pelikánová, President, P. Nihoul u J. Svingens (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: S. Bukšek Tomac, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta’ Diċembru 2018,

tagħti l-preżenti

Sentenza¹

[*omissis*]

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

¹ Qed jiġu riprodotti biss il-punti ta’ din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis utli għall-pubblikazzjoni.

Id-dritt

[omissis]

Fuq il-pubblikazzjoni fuq l-internet ta' ċerti dokumenti diġà inklużi fil-proċess tal-Qorti Ġenerali

- 138 Permezz ta' ittra tat-30 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrent informa lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-intenzjoni tiegħu li jżvela pubblikament, billi jipubblikahom fuq l-internet, ċertu numru ta' dokumenti relatati miegħu, jiġifieri l-annessi kollha mehmuża mal-ilment u mat-talbiet imsemmija fil-punt 87 iktar 'il fuq kif ukoll mar-rikors quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku msemmi fil-punt 24 iktar 'il fuq. Din l-informazzjoni kienet ġiet ippreżentata bħala mogħtija fil-kuntest tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.
- 139 Wara messaggġ elettroniku indirizzat mis-SEAE lill-avukat tar-rikorrent bħala reazzjoni għal din l-ewwel ittra, ir-rikorrent baġat it-tieni ittra lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fit-13 ta' Novembru 2017, fejn sostna li d-dokumenti kkonċernati kienu diġà ġew żvelati pubblikament fl-2013, peress li dawn kienu ġew mgħoddija lil organizzazzjoni mhux speċifikata kif ukoll lil "tmien persuni differenti", li waħda minnhom kienet ommu. Din il-pubblikazzjoni kienet regolari, peress li kienet is-suġġett ta' talba għal awtorizzazzjoni fis-27 ta' Marzu 2013 u peress li s-SEAE ma opponiex din il-pubblikazzjoni. L-imsemmija dokumenti kienu ġew ippubblikati fis-sit internet tar-rikorrent permezz ta' persuni relatati ma' ommu.
- 140 Permezz ta' żewġ ittri tas-17 u tal-24 ta' Novembru 2017, is-SEAE b'mod partikolari indika lir-rikorrent li l-pubblikazzjoni ta' ċerti dokumenti li dan kien ippreżenta bħala annessi tar-rikors tiegħu f'din il-proċedura tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità tal-proċedura ġudizzjarja pendenti.
- 141 Wara l-komunikazzjoni lir-rikorrent tal-ittra tas-SEAE tal-4 ta' Diċembru 2017 li tinforma lill-Qorti Ġenerali dwar il-fatti msemmija fil-punti 138 u 139 iktar 'il fuq (ara l-punt 34 iktar 'il fuq) u l-pubblikazzjoni ta' diversi dokumenti mwettqa fil-frattemp, ir-rikorrent ippreżenta osservazzjonijiet dwar dan is-suġġett fil-kuntest tar-replika.
- 142 Ir-rikorrent iqis li l-pubblikazzjoni inkwistjoni ma hijiex irregolari. Fil-fatt, huwa jsostni li d-dokumenti kkonċernati kienu preċedentement is-suġġett ta' publikazzjoni regolari, peress li t-talba li saret għal dan l-għan fis-27 ta' Marzu 2013 kienet is-suġġett ta' awtorizzazzjoni impliċita tas-SEAE, fl-assenza ta' oġġezzjoni min-naħa tiegħu fit-terminu ta' tletin jum ta' xogħol previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Għaldaqstant, il-fatt li l-imsemmija dokumenti kienu ġew prodotti fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja sussegwenti ma jistax jagħtihom natura kunfidenzjali li dawn kienu tilfu.
- 143 Is-SEAE jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrent.
- 144 Ir-rikorrent jammetti li kienu ġew ippubblikati fuq l-internet dokumenti li huwa kien ippreżenta fil-kuntest ta' din il-proċedura, jiġifieri ċerti dokumenti li kienu ġew annessi maż-żewġ talbiet skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal li kienu ġew introdotti fl-20 u fl-24 ta' Marzu 2013, u rreġistrati, rispettivament, taħt in-numri D/227/13 u D/233/13, fejn dan tal-aħħar jikkonċerna avvenimenti marbutin mal-ipproċessar tal-fajl mediku tiegħu. Għalkemm huwa sostna li din il-pubblikazzjoni, avolja kienet twettqet fuq is-sit internet tiegħu stess, ma kinitx twettqet minnu stess, iżda minn persuni mhux identifikati li lilhom ommu kienet baġtet id-dokumenti kkonċernati, huwa jirrikonoxxi li kien permezz tal-intermedjarju tiegħu li dawn id-dokumenti ħarġu mill-isfera ta' kunfidenzjalità stretta li dawn kienu oriġinarjament ristretti għaliha. Madankollu, huwa jallega li din il-ħarġa kienet regolari u kienet tikkostitwixxi l-pubblikazzjoni tal-imsemmija dokumenti.

- 145 Għandu jġi rrilevat li l-Artikoli 17 u 17a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom għanijiet differenti, li r-rikorrent qiegħed iħallat. Fil-fatt, l-imsemmi Artikolu 17 jikkonċerna l-projbizzjoni li tgħodd għal kull uffiċjal jew membru tal-persunal li jżvela informazzjoni mhux pubblika ta' kwalunkwe tip, kemm jekk din hija fuq forma medjatika jew le, li l-għarfien tagħha huwa marbut mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dan l-uffiċjal jew ta' dan il-membru tal-persunal, sakemm ma jkunx hemm awtorizzazzjoni minn qabel għal dan. Din il-projbizzjoni tippersisti wara t-tmiem tas-servizz. L-imsemmi Artikolu 17a, min-naħa tiegħu, jikkonċerna l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe testi dwar, b'mod partikolari, xogħol, studju jew opinjonijiet li huma relatati mal-attività tal-Unjoni. Tali publikazzjoni hija suġġetta għal protezzjoni speċifika skont il-libertà ta' espressjoni, taħt ir-riżervi previsti f'dan l-artikolu u li jirrigwardaw l-osservanza tal-prinċipji ta' lealtà u ta' imparzjalità, tad-dinjità tal-kariga u tal-projbizzjoni tal-iżvelar ta' informazzjoni li hija marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet, u hija suġġetta għal proċedura ta' awtorizzazzjoni speċifika fil-kuntest fejn l-assenza ta' tweġiba f'terminu ta' tletin jum ta' xogħol tikkostitwixxi awtorizzazzjoni impliċita.
- 146 F'dan il-każ, it-talba għal awtorizzazzjoni li għaliha r-rikorrent għamel referenza, jiġifieri l-ittra li baġhat fis-27 ta' Marzu 2013 lis-SEAE, għalkemm din tirreferi għall-Artikolu 17a tar-Regolamenti tal-Persunal, kienet, fil-fatt, skont il-kliem espliċitu tagħha, iżda wkoll minħabba l-kontenut tagħha, tinvolvi l-iżvelar ta' informazzjoni, li huwa rregolat mill-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostni, l-assenza ta' komunikazzjoni ta' deċiżjoni f'terminu ta' tletin jum ta' xogħol ma tikkostitwixxi assenza ta' oġġezzjoni impliċita. Fil-fatt, din it-talba għal awtorizzazzjoni kienet irregolata mill-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, b'tali mod li l-awtorità kellha terminu ta' erba' xhur sabiex tadotta deċiżjoni, peress li l-assenza ta' deċiżjoni f'dan it-terminu sservi bħala deċiżjoni impliċita ta' ċaħda.
- 147 Mill-proċess jirriżulta li s-SEAE wieġeb għat-talba għal awtorizzazzjoni tal-applikant b'ittra tal-5 ta' Mejju 2013, jiġifieri fit-terminu ta' erba' xhur previst fl-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal. F'din l-ittra, li bdiet b'aġġornament fil-qosor dwar il-portata tal-Artikolu 17a tar-Regolamenti tal-Persunal, is-SEAE llimita ruħu li jawtorizza l-iżvelar tad-dokumenti kkonċernati sabiex ir-rikorrent ikun jista' jikseb assistenza fil-kuntest tal-fajl mediku tiegħu. Fid-dawl tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal, din l-awtorizzazzjoni għandha tingħata interpretazzjoni stretta. Konsegwentement, fil-kuntest tat-talba tar-rikorrent u tat-tweġiba li ġiet indirizzata lilu, kull żvelar tad-dokumenti msemmija li ma kienx strettament marbut mal-assistenza personali tar-rikorrent fil-kuntest tal-fajl mediku tiegħu, mil-lat soċjali, mediku, psikoloġiku jew legali, kien eskluż. F'każ ta' dubju, kien ir-rikorrent li kellu jiżgura mas-SEAE li żvelar previst kien kopert sew mill-awtorizzazzjoni limitata li huwa kien irċieva. Dan kien partikolarment minnu peress li l-imsemmija awtorizzazzjoni kienet akkumpanjata minn tfakkira tal-obbligi statutorji tiegħu, inkluż l-obbligu li jżomm lura minn kwalunkwe żvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni miksuta fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' dmirijietu u li josserva l-prinċipji ta' lealtà u ta' imparzjalità.
- 148 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrent bl-ebda mod ma jista' validament jiġġustifika l-pubblikazzjoni fuq l-internet tad-dokumenti kollha jew ta' parti mid-dokumenti msemmija fit-talba tiegħu tas-27 ta' Marzu 2013 b'referenza għal din it-talba u għas-segwitu tagħha.
- 149 Ir-rikorrent lanqas ma jista' validament jargumenta li l-iżvelar awtorizzat ta' dawn id-dokumenti lil persuni kkwalifikati kien sabiex dawn jagħtuh assistenza personali bħal dik deskritta fil-punt 147 hawn fuq billi jallega li l-imsemmija dokumenti kienu ġew żvelati pubblikament qabel l-introduzzjoni ta' din il-proċedura u li l-produzzjoni tagħhom matul din il-proċedura ma taqax, minħabba dan il-fatt, taħt l-obbligu ta' nuqqas ta' żvelar marbut mad-dokumenti u mas-sottomissjonijiet bil-miktub li jagħmlu parti minn proċedura ġudizzjarja.
- 150 Fl-aħħar nett, ir-rikorrent ma jistax utilment isostni li l-pubblikazzjoni tad-dokumenti inkwistjoni seħħet minn ommu jew minn persuni marbuta magħha. Fil-fatt, minbarra li l-pubblikazzjoni tad-dokumenti inkwistjoni fuq is-sit internet tiegħu stess permezz ta' terzi persuni ma hijiex kredibbli, għall-inqas mingħajr il-kunsens tiegħu, it-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti lil ommu kienet

tikkostitwixxi ksur tat-termini tal-awtorizzazzjoni li kienet ġiet mogħtija lilu. Barra minn hekk, anki fl-ipoteżi fejn uffiċjal jew membru tal-persunal regolarment jibgħat dokument kunfidenzjali lil terz bl-iskuża li għandu awtorizzazzjoni ta' żvelar, dan għandu jiżgura li din il-persuna nnifisha ser tirrispetta t-termini tal-imsemmija awtorizzazzjoni. Konsegwentement, anki jekk jiġi preżunt li l-pubblikazzjoni nnifisha saret mingħajr il-parteċipazzjoni tar-rikorrent, xorta waħda hemm lok li jitqies li, bin-nuqqas ta' osservanza tal-limiti tal-awtorizzazzjoni ta' żvelar li kienet ingħatatlu, huwa oġġettivament ħoloq ir-riskju ta' din il-pubblikazzjoni u kien involut fiha (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-16 ta' Marzu 2016, *One of Us et vs Il-Kummissjoni*, T-561/14, mhux ippubblikat, EU:T:2015:917, punti 58 u 59).

- 151 Issa, għandu jittfakkar li l-iżvelar ta' dokumenti ta' proċedura minn parti lil terzi f'sitwazzjoni fejn dawn id-dokumenti ma kinux trażmessi għall-finijiet tad-difiża tal-kawża ta' din il-parti tammonta għal abbuż ta' proċedura (ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, *Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni*, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan japplika *a fortiori* meta tali dokumenti jiġu ppubblikati, bħal f'dan il-każ.
- 152 Hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-abbuż ta' proċedura fil-livell tal-ispejjeż, peress li dan l-inċident kien jeħtieġ komunikazzjoni speċifika u osservazzjonijiet supplimentari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 1998, *Svenska Journalistförbundet vs Il-Kunsill*, T-174/95, EU:T:1998:127, punt 139).
- 153 Konsegwentement, hemm lok li r-rikorrent ibati l-ispejjeż marbuta ma' dan l-abbuż ta' proċedura.

Fuq l-ispejjeż

- 154 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrent tilef, hemm lok li dan jiġi kkundannat għall-ispejjeż, konformement mat-talbiet tas-SEAE, inklużi dawk l-ispejjeż relatati mal-kwistjoni proċedurali msemmija fil-punti 138 sa 153 iktar 'il fuq.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) **Stephan Fleig huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Pelikánová

Nihoul

Svenningsen

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' April 2019.

Firem